## 8 ta' Jannar, 1955

**Imħallef:**

Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Onor. Mabel Strickland pr. et ne. *versus* Perit *Dominic Mintoff* ne.

**Libell — Ċitazzjoni — Korrezzjoni — Verità tal-Fatti — "Plea of Justification" — "Fair Comment" — "Statement of Facts" — Buona Fede — Ġurnal — Libertà tal-Istampa.**

*Digriet tal-Qorti tal-Maġistrati li jkun ammetta l-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni fl-ewwel istanza, anki f'materja ta' inġurja bl-istampa, ma hux ċensurabbli, billi jiġi allegat li dik il-korrezzjoni kienet timporta estensjoni ta' l-imputazzjoni b'żieda ta' kliem oħra li l-kwerelant ikun jallega li jinġurjawh. Provvediment simili hu konformi mal-ġurisprudenza stabbilita in materja.*

*Kliem li jammonta għal apprezzament tal-kontenut ta' artikolu pubblikat f'ġurnal huwa "comment"; kliem li fih l-imputazzjoni hija asserita bħala fatt hija "statement of fact", u mhux "comment".*

*Id-difiża tal-"fair comment" tippostula, bħala rekwiżit essenzjali tagħha, li l-fatt kommentat ikun veru. Jekk il-fatt li fuqu hu bażat il-komment ma jeżistix, il-komment ma jistax ikun "fair"; b'mod*

*li dik id-difiża ma tirnexxix jekk il-kwerelat ma jirnexxilux jipprova l-verità tal-fatti minnu kommentati.*

*Anki jekk il-kwerelat ikun ħaseb in bwona fede li l-fatti minnu kommentati kienu veri, id-difiża tal-"fair comment" taqa' l-istess. Kif lanqas ma hija rilevanti, f'materja ta' libell, l-intenzjoni tal-kwerelat, jekk il-kliem minnu publikat hu libelluż, għax jinġurja lill-kwerelant.*

*Meta inġurja tolqot korp kollettiv kompost minn diversi persuni, jekk in-numru ta' nies ta' dawn il-persuni jkun limitat, allura kull waħda tista' tfittex, għax kull waħda tkun identifikabbli. F'każ ta' inġurja diretta lill-ġurnal, għalhekk, tolqot ukoll lill-proprjetarju u lill-editur ta' dak il-ġurnal personalment.*

*Huwa veru li ġurnalista għandu jkollu ċerta latitudini li jikkritika u jikkommenta fuq materji ta' interess publiku, imma ma għandux libertà akbar, f'materja ta' libell, minn dik li għandu ċittadin privat. U anki jekk il-ġudikant jieħu in konsiderazzjoni l-latitudini permessa lill-artikoli politiċi, jibqa' dejjem li l-libertà ta' l-istampa għandha tkun ristretta fil-limiti tal-verità u tal-kritika ġusta.*

Il-Qorti; — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra l-Perit Dominic Mintoff bħala editur tar-rivista "The Knight", maħruġa fuq il-kwerela ta' l-Onorevoli Mabel Strickland personalment u bħala Managing Director u "principal share-holder" ta' "The Allied Newspapers Limited", li hija proprjetarja tal-ġurnal "Times of Malta", u ta' Thomas W. Hedley personalment u *bħala editur ta' l-imsemmi ġurnal "Times of Malta"*, talli l-kwerelat, il-Belt u bnadijiet oħra, inġurja lill-kwerelanti personalment u fl-imsemmija kapaċità tagħhom, bil-publikazzjoni, fin-numru ta' Ġunju ta' "The Knight" (li kopja tiegħu ġiet annessa mal-kwerela biex tifforma parti integrali minnha), ta' artikolu editorjali msejjaħ "The Inner Eye", li fih il-kwerelat, editur ta' l-imsemmija rivista, ikkwalifika lit-"Times of Malta" (li hu indika bħala "ta' Miss Strickland") bħala "infamous" (ara l-aħħar vers tat-tielet *paragrafu tal-paġina 2 tar-rivista annessa);*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-22 ta' Settembru, 1954, li biha sabet lill-kwerelat ħati skond iċ-ċitazzjoni u kkundannatu għall-piena ta' £5 multa u għall-ispejjeż tal-

kawża "in solidum"; u ordnat li f'numru ta' wara tar-rivista "The Knight", u mhux iżjed tard mit-tieni numru wara s-sentenza, tiġi publikata s-sentenza jew sunt komprensiv tagħha;

Rat ir-rikors fol. 204 tal-proċess, li bih il-kwerelat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab ir-revoka tagħha u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Id-difiża ssollevat l-inċident preliminari tal-korrezzjoni taċ-ċitazzjoni, mitluba fl-ewwel istanza mill-kwerelanti u akkordata mill-Maġistrat bid-digriet li jinsab fol. 33 ta' l-inkartament; u sostniet li, peress li din il-korrezzjoni kienet timporta estensjoni ta' l-imputazzjoni b'żieda ta' kliem oħra li l-kwerelanti kienu jallegaw li jinġurjawhom, għalhekk korrezzjoni simili ma kienetx ammissibbli;

L-eċċezzjoni tad-difiża, però, ma għandhiex fondament, u l-provvediment tal-Maġistrat hu konformi għall-prinċipju stabbilit mill-ġurisprudenza in materja, kif reċentement esposta fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti, kolġjament komposta, in "Reġina vs. Mikiel Cutajar", fit-13 ta' Diċembru, 1954. Il-preġudizzjali hi, konsegwentement, miċħuda;

Ikkunsidrat;

Il-bran tal-publikazzjoni inkriminata hu dan: "As the readers will have already guessed, the twists and half-truths in the Valletta Correspondent's reading of the local background betray the probable origin of the source of information. I am not given to betting. If I were, I would not hesitate to back my suspicion that the Valletta Correspondent is an employee of Miss Strickland's infamous Times of Malta;

Dan il-bran qiegħed jirriferixxi għal artikolu li kien deher fir-rivista "New Commonwealth" dwar dik li ormaj lokalment tissemma bħala "the Home Office Offer", intitolat dan l-artikolu "Dr. Borg Olivier states his case", u miktub minn persuna desinjata bħal "Our Valletta Correspondent" (fol. 124);

Il-kliem fil-publikazzjoni inkriminata li l-kwerelanti

joġġezzjonaw għalihom huma dawk "twists and half-truths" u "infamous", meħudin, s'intendi, fil-kontest tal-bran li jidhru fih;

Id-difiża, apparti eċċezzjoni oħra, li għal raġunijiet ovvji hu konvenjenti li tiġi trattata aktar tard, eċċepiet il-verità tal-fatti ("plea of justification"), u li l-komment hu ġust ("fair comment"). Ma hemmx kontestazzjoni li l-kwerelat appellant hu l-awtur tal-bran denunzjat bħala libelluż;

Qabel ma l-Qorti tidħol f'dawn l-eċċezzjonijiet, jeħtieġ li jiġi stabbilit mill-Qorti x'inhija li "sting" tal-bran inkriminat, u li jiġi wkoll stabbilit liema parti tiegħu hi "statement of fact" u liema "comment";

In konnessjoni ma' din l-indaġini, għandu jingħad li d-difiża, fil-kors tad-dibattitu quddiem din il-Qorti, osservat li ebda inġurja ma jista' jkun hemm fil-kliem "twists and half-truths", għaliex dawn il-kliem qegħdin jirriferixxu mhux għat-"Times of Malta", imma għall-artikolu li deher fil-"New Commonwealth" fuq imsemmi;

Din l-osservazzjoni ma hijiex xejn affattu konvinċenti, għaliex, fil-kontest li jinsabu fih, dawk il-kliem fil-konfront tat-Times of Malta huma aktar qawwija milli kieku kien qiegħed joġġezzjoni għalihom l-awtur ta' l-artikolu tan-"New Commonwealth", jew l-editur ta' dik ir-rivista. Infatti, kieku wieħed jirriferihom biss għall-artikolu f'dik ir-rivista, l-imputazzjoni inġurjuża tkun biss fis-sens li, f'dak l-artikolu partikulari, hemm "twists and half-truths" "sic et simpliciter", mentri fil-kontest tal-bran inkriminat iffissru ferm aktar. Infatti, f'dak il-kontest iffissru li fit-"Times of Malta" il-publikazzjoni ta' "twists and half-truths" hi ħaġa tant solita, li l-qarrejja ta' l-artikolu tan-"New Commonwealth" malajr ikunu indunaw ("as the readers will have already guessed") li s-sorġenti ta' l-informazzjoni, li swiet bħala bażi ta' dak l-artikolu ("betray the probable origin of the source of information"), kienet, u fuq hekk wieħed jista' jagħmel imħatra b'sikurezza ("I would not hesitate to back my suspicion"), il-gazzetta, Miss Strickland's infamous Times of Malta";

Għalhekk, "in succinto", li "sting" taċ-"charge" hi

din: fl-artikolu tan-"New Commonwealth" hemm "twists and half-truths", u s-sorġenti tagħhom hi l-"infamous" Times of Malta;

Issa, għandu jiġi stabbilit liema hu "statement of fact" u liema hu "comment"; dan sabiex wieħed jista' jara għal liema tapplika l-"plea of justification" u għal liema l-"plea of fair comment";

Il-kliem "twists and half truths" huma bla dubju "comment", għax huma apprezzament, magħmul mill-kwerelat, tal-kontenut ta' l-artikolu;

Il-kliem li jirrigwardaw l-oriġini tas-"source of information" huma "allegation of fact", ċjoè qiegħed jiġi dikjarat mill-artikolista bħala fatt li fuqu wieħed jista' jilgħab imħatra, li s-sorġenti ta' l-informazzjoni huwa t-Times of Malta. Infatti, dan hu l-fatt li jġib bħala konsegwenza li l-kliem "twists and half-truths" ma jibqgħux riferibbli biss għall-artikolu tan-"New Commonwealth", imma jolqtu, u, kif ġie spjegat, b'forza akbar, it-"Times of Malta" stess;

Fl-aħħarnett, il-kelma "infamous" hi "comment", għax hi apprezzament, li għamel il-kwerelat, dwar il-karattru tal-gurnal "Times of Malta";

Ikkunsidrat;

Dwar il-kliem "twists and half-truths";

Id-difiża ta' "fair comment" tippostula, bħala rekwiżit essenzjali tagħha, li l-fatt kommentat ikun veru. Jgħidu l-awturi Hickson and Carter-Ruck, "The Law of Libel and Slander", 1953 edition: "If the facts upon which the comment is founded do not exist, the comment cannot be fair" (p. 121). Dan il-prinċipju huwa ormaj "jus receptum" f'din il-materja;

Issa, fil-fehma tal-Qorti, il-kwerelat ma laħaqx il-prova tal-fatt li fuqu hu bażat il-komment. Kif ġie spjegat, li "sting" taċ-"charge" hija li t-"twists and half-truths", għalkemm dehru fl-artikoli tan-"New Commonwealth", huma dovuti għall-fatt li s-sorġenti ta' l-informazzjoni tagħhom hu t-"Times of Malta". Kwindi, intant il-kwerelat jista' jeleva d-difiża ta' "fair comment" għar-rigward tat-"twists and half-truths", inkwantu hu jipprova qabel xejn, li s-sorġenti ta' l-informazzjoni tagħhom hija t-Times of Malta.

Imma l-kwerelat din il-prova ma għamilhiex. Irriżulta, verament, li l-persuna desinjata bħal "Our Valletta Correspondent" fin-New Commonwealth" hija Joseph Vassallo, impjegat tat-Times of Malta. Imma altru li wieħed jgħid li *l-awtur ta' dak l-artikolu hu impjegat tat-Times of Malta*, u altru li wieħed jgħid li l-materjal għal dak l-artikolu, bħala sorġenti ta' informazzjoni, ġej mit-Times of Malta. Il-fatt rilevanti għall-kontest tal-bran inkriminat hu l-allegazzjoni li s-"source of information" kien it-Times of Malta, mhux li l-awtur ta' l-artikolu fin-"New Commonwealth" hu impjegat *tat-Times of Malta;*

Minn dan jiġi li l-kwerelat ma ppruvax il-fatt li fuqu hu bażat il-komment. Hu ovvju li jekk, bħala fatt, ma jirriżultax li s-"source of information" ta' l-artikolu li deher fin-"New Commonwealth" hu t-"Times of Malta", il-kwerelat ma jistax jgħid li l-"comment" kien "fair". Infatti, ma *jistax ikun ammissibbli li wieħed jikkunsidra bħala kritika* ġusta vis-a-vis il-kwerelanti il-kliem "twists and half-truths" applikati għall-artikolu li deher f'gazzetta oħra, jekk, qabel xejn, ma jiġix pruvat dak li l-kwerelat allega fil-bran inkriminat, li s-"source of information" kien it-"Times of Malta". Mingħajr dik il-prova, il-kliem "twists and half-truths", in kwantu jolqtu l-kwerelanti fis-sens fuq spjegat, ma jistgħux ikunu, fl-ebda każ, komment ġust;

Anki jekk il-kwerelat ħaseb in "buona fede" li s-"source of information" kien it-"Times of Malta", l-istess il-"plea of fair comment" taqa'; għax, kif ġie ritenut, u kif inhu loġiku, "the defence of fair comment does not extend to cover mis-statements of facts, however 'bona fide' " (ara App. Krim. "Pulizija vs. Scorey", 10 ta' Jannar, 1949, Kollez. Vol. XXXIII-IV-800);

Għalhekk, kwantu għall-kliem "twists and half-truths", dawn, ġa ladarba l-"plea of fair comment" ma tirnexxix, jibqgħu addebitu inġurjuż fil-kontest fuq spjegat. Għaliex hu ċertament inġurjuż *li wieħed jgħid li* r-*"readers"* faċilment jindunaw li s-"source of information" ta' "twists and half-truths" li dehru f'artikolu f'gazzetta oħra hija t-"Times of Malta", peress li b'daqshekk wieħed ikun qiegħed jagħmel lill-gazzetta "Times of Malta" l-imputazzjoni li soltu

jkun hemm "twists and half-truths" fil-pubblikazzjoni tagħha;

Jibqa', issa, il-kelma "infamous";

Issa, anki apparti s-sinifikat eżatt li għandha din il-kelma fid-dizzjunarju, hu ċert li dak il-bniedem ipotetiku li, f'din il-materja, jissejjaħ "a reasonable man", b'dik il-kelma jifhem, almenu, "disgraceful" jew "discreditable". Din hi dik li tissejjaħ "a reasonable and natural interpretation", u mhux affattu " a strange and unlikely one";

Il-kwerelat, *fix-xhieda tiegħu, a propożitu ta' din il*-kelma, qal: — "Issa, fuq il-parti ta'l-"infamous", dan kien apprezzament tiegħi personali tal-gazzetta, u dan l-apprezzament ibbażajtu *fuq il-fatt ta' l-imġieba tagħha lejn il*-Labour Party, u fuq il-fatt li kontinwament tgħid kontra tagħna u żżomm ma' sezzjoni waħda, u fuq dan il-fatt kienet tilfet żewġ kawżi magħna minħabba t-teżi li sostniet";

Kieku l-kelma "infamous" kellha tiftihem biss b'dan il-mod, allura kien aktarx ikun il-każ ta' sempliċi espressjoni vivaċi f'artikolu politiku; "for which", kif qal l-Imħallef Fitzgerald (ara Folkard, "Law of Libel and Slander", p. 618), "a great latitude must be given"; imma hu prinċipju indubitat, f'materja ta' libell, li "libel does not depend on the intention of the defamer, but on the fact of the defamation" (Hickson and Carter-Ruck, p. 46 loc. ċit.). Il-kawżi fejn ġie ritenut dan, fil-Qrati Ngliżi, huma numerużi (ara, per eżempju, Cassidy v. Daily Mirror Newspapers Ltd., Court of Appeal 1929; u Newstead v. London Express Newspapers Ltd., Court of Appeal 1940); li fihom ġie stabblit li "intention was a wholly irrelevant consideration establishing liability". U ċ-Chief Justice Lord Alverstone, fil-kawża "Jones vs. Wulton & Co. (Leading Cases in the Criminal Law, Wilshere 5th. edition, p. 177) qal: — "What is passing in the mind of the writer is wholly immaterial, or what was his intention, if he has in fact published a libel upon the plaintiff". Issa, apparti l-intenzjoni tal-kwerelat, hu ċert li l-kelma "infamous", anki fis-sens biss ta' "disgraceful", hi inġurjuża, u ma hijiex "fair comment" fis-sens pretiż mill-kwerelat;

**Ikkunsidrat;**

Id-ditensur tal-kwerelat sostna wkoll, fil-kors ta' l-argumenti tiegħu quddiem din il-Qorti, li l-kliem dwar it-Times of Malta ma jistgħux jolqtu lill-kwerelanti personalment, proprjetarja waħda, u editur l-ieħor, rispettivament, tat-Times of Malta, u li għalhekk l-azzjoni tagħhom istitwita f'isimhom personalment ma hijiex ammissibbli;

Dina l-eċċezzjoni tista' tinqasam f'żewġ aspetti:

(1) Li ġa ladarba l-kliem huma diretti lill-ġurnal, ma humiex identifikabbli għall-finijiet tal-libell;

(2) Li kelma inġurjuża dwar ġurnal ma tolqotx lill-proprjetarju jew editur ta' dak il-ġurnal personalment;

Dwar l-ewwel aspett, l-Imħallef sedenti kellu ġa okkażjoni jippronunzja ruħu fis-sens li, meta inġurja tolqot korp kollettiv kompost minn diversi persuni, jekk in-numru ta' dawn il-persuni jkun limitat, allura kull waħda tista' tfittex, għax kull waħda tkun identifikabbli. Dan il-prinċipju, ta' "group or class libels", ġie reċentement affermat fil-kawża Knuppfer v. London Express Newspapers Ltd., 1944, f'dawn it-termini: "Where defamatory words are written of a class of persons, it is not open to a member of that class to say they were written of him, unless the class is so small or so ascertainable that what is said of the class is necessarily said of every member of it........" U preċiżament, f'dan il-każ ta' ġurnal, il-persuni kompriżi fil-"class" jew "group" huma limitatissimi, u kwindi faċilment aċċertabbli;

Dwar it-tieni aspett ta' din l-eċċezzjoni, ir-regola awrea f'din il-materja hi indubbjament dik enunċjata minn Lord Herschell fil-kawża Australian Newspaper Co. Ltd. vs. Bennett (1894) A.C. at p. 288, b'dawn il-kliem: "No doubt, offensive language applied to a newspaper may cast a reflection, and be understood as casting a reflection. upon persons connected with the newspaper. But it clearly cannot be maintained that every imputation upon a newspaper is a personal imputation upon everybody connected with the newspaper. Whether it is an imputation which would attach to any individual, and, if so, to whom, must depend

in each case upon the language and upon the circumstances";

Issa, l-imputazzjoni li tifforma li "sting of the charge" f'dan il-każ — dik ta' falsifikazzjoni tal-publikazzjonijiet kontenuti fil-ġurnal ("twists and half-truths") fis-sens fuq spjegat, u ta' "infamous", hi tali li bilfors tirrifletti fuq il-proprjetarju u l-editur; għax ċertament persuna li tkun proprjetarja ta' ġurnal, u l-editur tiegħu, li jippermettu "twists" u "half-truths" jidhru fih sistematikament, b'mod li qarrejja ta' artikolu f'ġurnal ieħor li jkun fih "twists" u "half-truths" jindunaw malajr li s-sorġenti ta' l-informazzjoni tkun ġejja mill-ewwel ġurnal, u persuni li jippossjedu jew jippublikaw ġurnal "infamous" (kwindi "disgraceful"), ma jistgħux ikollhom karattru morali jew integrità ta' ċittadini tajba;

Kwantu għat-"twists" u "half-truths", ġie deċiż fil-kawża Bennett v. Australian Newspaper (1891) 12 N.S.W. L.R. 141, A.C. 284 (1894), illi "to write and publish of a newspaper that it is the 'Daily Ananias' is libellous of the proprietors of the newspaper"; u kulħadd jaf li "Ananias" baqa' terminu ekwivalenti għall-giddieb minn mindu membru tal-Kommunità Kristjana ġie kastigat b'mewt subitanea minn San Pietru minħabba li gibed;

Ġie ukoll deċiż li, jekk wieħed jgħid li gazzetta hija "a disgrace to journalism", dan "is undoubtedly an attack on those who are responsible for the conduct of the paper" (Kingswell v. Robinson (1913) W.L.D. (S. Africa) p. 142. U l-kelma "infamous" hi ferm aktar qawwija minn "disgraceful";

Ikkunsidrat;

Id-difensur tal-kwerelat, fil-kors ta' l-argumenti, osserva wkoll li d-dritt ta' kritika ma għandux jiġi trasandat mill-Qrati;

L-Imħallef sedenti, f'kawżi ta' libell, qagħad dejjem attent ferm li jiġi pjenament rispettat il-prinċipju hekk espress fit-testi in materja: — "Every one of Her Majesty's subjects has the right to comment fairly and honestly on

matters of public interest". Però, anki jekk wieħed iħares lejn kawżi simili b'liberalità ta' veduti, jibqa' dejjem veru dan li ġej: —

1. Ġurnalista ma għandux libertà akbar, f'materja ta' libell, minn dik li għandu ċ-ċittadin ordinarju. Jgħidu l-awturi Hickson and Carter-Buck, loc. ċit. p. 119: — "In delivering judgment in a case in 1914, the Judicial Committee of the Privy Council made the position abundantly clear: Their Lordships regret to find that there appeared on the one side in this case a time-worn fallacy that some kind of privilege attaches to the profession of the Press as distinguished from the members of the public. The freedom of the journalist is an ordinary part of the freedom of the subject, and to whatever length the subject in general may go, so also may the journalist; but apart from statute law his privilege is no other and no higher. The responsibilities which attach to his power in the dissemination of printed matter may, and in the case of a conscientious journalist, do, make him more careful; but the range of his research, his criticism or his comments, is as wide, and no wider than that of any other subject. No privilege attaches to his position";

2. Anki jekk il-ġudikant jieħu in konsiderazzjoni l-latitudini permessa lill-artikoli politiċi, jibqa' dejjem li l-libertà ta' l-istampa għandha tkun ristretta, kif qal Chief Justice Cockburn (ara Fisher and Strahan, The Law of the Press, p. 190), "within the bounds of truth and the limits of just criticism";

3. Il-kwistjoni tal-libertà assoluta tal-istampa ġiet kunsidrata f'publikazzjoni tal-"UNESCO", intitolata "Legislation for Press, Film and Radio", ta' Fernand Terren and Lucien Solal 1951; u paġ. 270 jingħad hekk: "Freedom of the press exists in most countries, but in all of these the journalist who abuses it, and goes beyond certain limits, commits an offence punishable under civil or criminal law. Would it be possible to grant unlimited freedom to newspapers? Such a thesis has been put forward, at times, and a characteristic passage of Anatole France sets out the argument........ 'this general view,

however, is impracticable'......... no Government has ever given unconditional freedom to the Press";

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tiċħad l-appell tal-kwerelat u tikkonferma s-sentenza appellata, kompriż l-ordni tal-publikazzjoni, bl-ispejjeż kontra l-kwerelat. Onorarju tad-difensuri 12s. kull seduta.